# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 806/2018/LSO**

1. **Ministru tas-Sahha**
2. **L-Ufficjal Mediku Ewlieni**

**vs**

**Charles Bonaci f'ismu proprju (K.I. 592938M) kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dolceria Croce Bonaci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Ministeru tas-Sahha u ta' l-Ufficjal Mediku Ewlieni datat 2 ta' Awwissu 2018 fejn esponew: -

Illi l-esponenti fil-kwalita' taghhom bhala ufficjali governattivi fi hdan il-Ministeru tas-Sahha jirrilevaw illi l-intimat jiggestixxi l-hanut bl-isem 'Dolceria Croce Bonaci' lokat f' 24D, Triq San Gwann, Il-Belt Valletta, liema hanut jaghmel parti mill-istess Ministeru, u ossija fil-bini ta' Palazzo Castellania, Triq Merkanti, il-Belt Valletta;

Illi recentament, u cioe' fix-xahar ta' Lulju circa fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena kurrenti, il-konvenuti, abbuzivament u minghajr ebda jedd flimkien ma' persuni inkarigati minnhom, wahhlu *copper cables*, li huma parti mill-installazzjoni tas-sistema' tal-arja kkundizzjonata mal-hanut suriferit, u cioe' mal-bini tal-Ministeru, b' mod li jnezzghu lill-esponenti mill-pussess tal-istess bini;

Illi subordinatament fl-istess xahar, il-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda jedd flimkien ma' persuni inkarigati minnhom wahhlu tabelli u accessorji fuq l-istess bini, u dan kif jirrizulta mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bhala Doks A-B;

Illi l-konvenuti wahhlu l-istess oggetti u accessorji minghajr il-konsultazzjoni jew hadu ebda permess tar-rikorrenti, u oltre' l-istess twahhil sar bi ksur tal-permess mahrug mill-

Awtorita' tal-Ippjanar fin-numru PA/03196/15, minkejja li l-intimati kienu ben konsapevoli tal-istess, kopja tal-liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C'.

Illi prevja diversi interpellejazzjonijiet da parti tal-esponenti, l-intimati nehhew il-*copper cables*, *nonostante* l-accessorji l-ohrajn ghadhom prezentament imwahhla u ghaldaqstant l-ispoll ghadu wiehed kontinwu;

Illi minkejja t-tnehhija tal-istess *copper cables*, l-esponenti soffrew u ghadhom prezentament isofru danni ngenti *stante* li l-bini *de quo* ma giex irripristinat fl-istat originali tieghu u ghaldaqstant l-effetti tal-att spoljattiv ghadu vigenti;

Illi dan l-agir illegali u abbuziv da parti tal-konvenuti mhux biss jikser id-dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali izda jikkonstitwixxi spoll vjolenti u klandestin kif ikkontemplat fl-artikolu 535 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ghad-dannu tal-esponenti;

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti umilment qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandesin ghad-dannu tar-rikorrenti bix-xoghlijiet denunzjati ad insaputa tal-esponenti;

2. Tikkundanna lill-konvenut jispurga l-ispoll minnu kommess ghad-dannu tal-esponenti sabiex inehhi kwalunkwe' oggett u accessorji mwahhla mal-bini tal-istess

Ministeru, u dan fi zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

3. Tiddikjara illi l-agir tal-kovenut jikkonstitwixxi dannu serju fil-konfront tar-rikorrenti, u ssugwentament tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-konvenut jirripristina l-bini *de quo* fl-istat originali tieghu;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-eventwalita' li t-terminu stabbilit jghaddi inutilment, jaghmlu dak ix-xoghol huma a spejjez tal-konvenut, occorendo taht id-direzzjoni u supervizzjoni ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2018.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 (fol 19) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Josette Sultana ghall-attur. Billi rrizulta li l-intimat Charles Bonaci *pro et noe* debitament notifikati ma pprezentawx risposta, il-Qorti ddikjarathom kontumaci. Il-kawza giet differita ghall-provi dokumentarju u affidavit tal-atturi ghall-24 ta' Jannar 2019;

Rat il-verbal tal-Gimgha, 10 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Josette Sultana ghall-atturi, li prezentat nota b'zewg affidavits u ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi, u tistrieh fuq l-atti. Il-Qorti awtorizzat lill-intimat jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi din hija kawza ta' spoll fejn ir-rikorrenti, bhala ufficjali Governattivi fi hdan il-Ministeru tas-Sahha, qed jallegaw li l-intimati wahhlu 'copper cables', parti mill-istallazzjoni tas-sistema ta' arja kundizzjonata mal-hanut gestit mill-istess intimati bl-isem Dolceria Croce Bonaci, fi 24D, Triq San Gwann Valletta, u cioe` mal-hajt tal-bini tal-Ministeru. Inoltre`, allegatament twahhlu wkoll tabelli u accessorji fuq l-istess bini tal-imsemmi hanut, li jigu mal-bini tal-Ministeru.

Illi l-intimati naqsu milli jipprezentaw risposta u ghalhekk huma kontumaci skont il-ligi.

### Fatti:

Jirrizulta, li r-rikorrenti bhala ufficjali Governattivi fi hdan il-Ministeru tas-Sahha qed jipprocedu kontra l-intimati minhabba li allegatament wahhlu 'copper cables' tas-sistema tal-arja kondizzjonata, u tabelli u accessorji ohra fuq il-bini tal-imsemmi hanut, liema bini jigi mal-bini tal-Ministeru

tas-Sahha. Kif premess, jirrizulta li ghad hemm accessorji li ghadhom prezentement imwahhlin mal-bini. Ghalhekk, ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern, sabiex jigi ripristinat l-allegat spoll.

**Provi:**

**Marcelle Galea** Direttur fid-Dipartiment tas-Sahha xehdet permezz ta' affidavit (fol 24) li kienet inkarigata mill-koordinament tar-restawr ta' Palazzo Castellania. Spjegat li s-sidien kollha tal-hwienet kienu kkoperaw, u kulhadd nehha *wires* li kien hemm mal-faccata, minbarra dawk ta' Dolceria Croce Bonaci. Semmiet li kienu saru diversi laqghat fejn kienet infurmat personalment il-kundizzjonijiet li kien hemm fil-permess, li jinsab esebit mar-rikors promotur. Qalet li hi kienet tara l-andament tax-xoghol mal-bini regolarment, u fis-17 ta' Lulju 2018, giet infurmata li sid id-Dolceria kien rega' wahhal 'supply tad-dawl u cables' mal-faccata.

**Jean Frendo**, il-Perit inkarigat mir-restawr tal-faccata ta' Palazzo Castellania xehed permezz ta' affidavit (fol 25) qal, li sabiex isir ir-restawr mal-faccata li hi proprjeta` tal-Gvern, kien hemm permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar u kellhom jimxu mieghu, fejn kien hemm bhala kondizzjoni, li ma setax ikun hemm *service pipes*, *cables* jew *wires* mal-bini. Spjega li sabiex jitkompla x-xoghol il-kuntrattur, kien qala' l-*wires* li kien hemm mal-faccata sabiex ikun jista' jahdem, izda s-sid tad-Dolceria Croce Bonaci rega' wahhal il-pajpijiet tal-arja kondizzjonata u s-*supply* tad-dawl ghall-istess arja kondizzjonata, liema pajpijiet ghadhom imwahhlin hemm

sal-lum. Semma li l-bini ta' din il-faccata hi proprjeta` tal-Gvern u ma kien hemm l-ebda permess sabiex dawn il-pajpijiet jitwahhlu .

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

*(i) Possedisse*

*(ii) Spoliatum fuisse*

*(iii) Infra bimestre deduxisse*

Illi dawn il-principji gew ribaditi f' diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' **"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li "*materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Cahrles**

**Cardona et vs Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi.*

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma dhalli lil had jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekkbiss, kif ighid bl-iktar mod car l-**artikolu 791(1) Kap 12**, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat*."

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li:

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni;"* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt; (**"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** – P.A. 21 ta' Frar 1983, u **"Marthese Borg vs George Borg"** – 25 ta' Frar 1983); u mhux wiehed ta' mera tolleranza (**"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri" –** A.C. 26 ta' Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li "*All attore in reintegrazione e*

*sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione.”* (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta’ Ottubru 1882)

Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, benche` ippruvat, huwa protett tant li f’din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta’ *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**“Saverio Farrugia vs Eugenio Borg”** P.A. 31 ta’ Marzu 1952).

Illi gie ritenut fil-kaz **“Delia vs Schembri”,** P.A. – 4 ta’ Frar 1958,

*“L-azzjoni ta’ spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x’ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta’ terza persuna atti li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti.”* (Ara wkoll **“Francis Grogan et vs Shawn Scerri et”**, P.A. deciza fit-2 ta’ Dicembru 2004).

F’dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta’ spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mit-tgawdija tal-haga jew ostakolat b’mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta’ kif igawdi dik il-haga. Issemma per ezempju, l-istallazzjoni ta’ *air condition unit* li jisporgi fuq sqaq komuni fil-kaz **“Ripard et vs Fenech noe”** deciza mill-

Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000, li gie meqjus bhala att spoljattiv li kien jimmerita r-rimedju permezz ta' din l-azzjoni.

Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

*"….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll."*

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att."*

Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et",** P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

Fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse'*, gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrio che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato."* (Vol.III Sez. 52). "**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et",** P.A. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

**Applikazzjoni ghall-kaz odjern**

L-intimati ghalkemm debitament notifikati, naqsu milli jipprezentaw risposta u ghalhekk huma kontumaci. Huma naqqsu wkoll milli jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Hu risaput li l-kontumacja hija fiha nnifisha mhijiex ammissjoni izda ghandha tigi interpretata bhala oppozizzjoni hekk kif ritenut fil-gurisprudenza:

"H*uwa pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" (**"Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex*

*tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*" (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6- 1995; u Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe – P.A. (AF) 15-1-2014).

(Ara wkoll **Raymond Gauci *pro et noe* vs Christopher Galea**, P.A. deciza fis-26 ta' April 2001; **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak et**, P.A. deciza fil-15 ta' Jannar 2014; **Ronald Micallef et vs Subway Malta Limited** P.A. deciza fis-6 ta' Marzu 2001).

Jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovaw li t-talba taghhom hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Din hija azzjoni ta' spoll vjolenti li permezz taghha r-rikorrenti qed jitolbu li jigu reintegrat fil-pussess taghhom. Izda, sabiex tirnexxi din l-azzjoni, irid jigi ppruvat li r-rikorrenti gew spussessati.

Illi r-rikorrenti sostnew li l-hanut tal-intimat Dolceria Croce Bonaci, jifforma parti mill-istess binja tal-Ministeru, ossija mill-bini ta' Palazzo Castellania, fejn kien qed isir ir-restawr. Ghalhekk, jirrizulta, li r-rikorrenti ghandhom il-pussess materjali rikjest mil-ligi tal-bini in kwistjoni. Illi gie esebit il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar, Dok C (a fol 6 *et sequens*), liema permess kien ghar-restawr tal-faccati ta' Palazzo Castellania, fi Triq San Gwann u fi Triq Merkanti il-Belt Valletta.

Referibbilment ghat-tieni element ta' *spoliatum fuisse*, irid jigi ppruvat li r-rikorrenti gew spussessati mill-godiment tal-

bini tal-faccata b'mod klandestin. Il-gurisprudenza hija cara f'dan ir-rigward. Il-ligi mhijiex tippretendi l-habi jew il-*vix atrox*. Izda, dan l-element huwa sodisfatt jekk l-agir attakkat ikun sar minghajr il-kunsens tal-pussessur. Jidher, li r-rikorrenti gew spussessati mill-godiment tal-bini permezz ta' tqeghid ta' 'copper cables' parti mill-istallazzjoni ta' arja kondizzjonata tal-hanut, u billi tqeghdu oggetti u tabelli mal-istess binja. Mhuwiex ikkontestat li dawn saru minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, ghaliex jirrizulta mill-premessi tar-rikors kif ukoll mill-provi li kien hemm oppozizzjoni ghal dan. Ghalhekk, dan l-element jissussisti.

**It-terminu ta' xahrejn**

Il-kaz odjern gie istitwit fit-2 ta' Awwissu 2018. Jirrizulta li biex jissussisti dan l-element, it-terminu jibda jiddekorri minn meta gie spoljat l-attur. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordi fuq dan il-punt, li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-data meta l-attur ikun gie fizikament spoljat mill-pussess tieghu. (Ara **"Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** Appell Civili deciz fl-4 ta' Dicembru 1998). Ukoll, fil-kaz **"Michael Mamo vs Philip Grima"** P.A. deciza fis-7 ta' Frar 1958, **XLII-II-915** intqal:

*"Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll, u mhux mindu l-attur gie jaf bih…..iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza."* (Ara **Sammut vs Pellegrini Petit XXIV-I-276**).

F'dan il-kuntest, rilevanti wkoll il-kaz, **"Michael Angelo Fenech nomine vs Alfred Camilleri"** P.A. deciza fit-22 ta' Frar 1992 fejn gie ritenut:

*"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur.*" (Ara wkoll **"Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`",** Qorti tal-Appell - 26 ta' Mejju 1998; "**FCA Co. Ltd. et vs Tan-Nikcar Construction Ltd. et"** (1182/2005 FS) P.A. deciza fit-13 ta' Gunju 2013; **"John Bondin et vs Joseph Farrugia et",** Qorti tal-Appell - 27/2/2015 ; **Trevor Arendts vs Veronique Mizzi"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013; u **Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar** (P.A.)(NC)- 13/02/2004).

Aktar specifikament f'**Georgina Borg vs Errol Cassar et**, P.A. (PS) – 21/10/2002) qalet hekk dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll:

*"Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estintiv ta' xahrejn*." (**Michelangelo Fenech nomine vs Alfred Camilleri,** fuq citat). (Ara wkoll

**Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa**, Qorti tal-Appell, 26 ta' Mejju 1998; **FCA Co. Ltd. et vs Tan-Nikcar Construction Ltd et** (1182/2005FS) P.A. deciza fit-13 ta' Gunju 2013; u **John Bondin et vs Joseph Farrugia et**, Qorti tal-Appell, 27/02/2015).

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li l-intimata regghet wahhlet il-pajpijiet tal-arja kondizzjonata u is-*supply* tad-dawl ghall-istess arja kondizzjonjata hekk kif jirrizulta mill-affidavit tal-Perit Jean Frendo (fol 25). Jirrizulta mill-affidavit ta' Marcelle Galea li fis-17 ta' Lulju 2018 giet infurmata li l-intimat, sid id-Dolceria, kien rega' wahhal il-*copper cables* u *wires* tal-istess hanut.

Din il-kawza giet intavolata fit-2 ta' Awwissu 2019 u kwindi *entro* t-terminu ta' xahrejn.

Ghaldaqstant dan l-element huwa wkoll ippruvat.

**It-Tielet Talba**

Illi bit-tielet talba r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara illi l-agir tal-kovenut jikkonstitwixxi dannu serju fil-konfront tar-rikorrenti, u sussegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti. Illi l-azzjoni odjerna timmira ghar-reintegrazzjoni tal-pussess u tippermetti biss indagni limitata. Ghaldaqstant ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet attrici u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti bix-xoghlijiet denunzjati ad insaputa tal-esponenti;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut jispurga l-ispoll minnu kommess ghad-dannu tal-esponenti sabiex inehhi kwalunkwe' oggett u accessorji mwahhla mal-bini tal-istess Ministeru, u dan fi zmien perentorju ta' xahar millum;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza filwaqt li tirriserva lir-rikorrenti kull jedd ghall-azzjoni ghad-danni;

4. Tilqa' r-raba talba u tikkundanna lill-konvenut jirripristina l-bini *de quo* fl-istat originali tieghu u dan fi zmien perentorju fuq prefiss;

5. Tilqa' l-hames talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-eventwalita' li t-terminu stabbilit jghaddi inutilment, jaghmlu dak ix-xoghol huma a spejjez tal-konvenut, taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-**Perit Amber Wismayer** nominata ghal dan l-iskop a spejjez tal-intimati *in solidum* bejniethom.

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**